MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 941/2011

**Paul Noel Muscat, Kristian John Muscat u Trevor Muscat li lkoll jezercitaw negozju taht l-isem K.P.T. Trading**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat it-30 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu ir-rikorrenti fuq indikati bil-gurament taghhom sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` intimata fuq indikata hi debitrici fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u sittin elf, hames mija u erbgha u sitin Ewro, (€63,564.00);
2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta l-prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh

u kkonsenjat mir-rikorrenti li jiggestixxu tali negozju lis-socjeta` ntimata fuq perjodu ta' sena bejn it-23 t'Ottubru, 2009, sat-22 ta' Novembru, 2010;

3. Illi s-socjeta` ntimata rrikonoxxiet l-imsemmi debitu taghha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, (ara dokumnet datat 6 ta' Lulju, 2011, immarkat Dok. A a fol 4);

4. Illi s-socjeta` ntimata giet interpellata biex tissalda d-debitu de quo, izda inutilment;

5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti biex:

i. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti s-somma ndikata fil-paragrafu numru 1;

ii. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali ndikata fit-talbiet tar-rikorenti, bl-imghaxijiet mis-16 ta' Novembru, 2010, skont il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Jesmond Falzon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` ntimata datata s-6 ta' Lulju, 2011, gia` ndikata fil-paragrafu numru 3 aktar 'il fuq, li permezz taghha ddikjara u kkonferma li l-ammont indikat ukoll fil-paragrafu numru 1 hu dovut lir-rikorrenti Paul Noel Muscat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ukoll in-nota tas-socjeta` ntimata datata s-17 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti;

Illi in vista tad-dikjarazzjoni tas-6 ta' Lulju, 2011 u tan-nota t'ammissjoni datata s-17 ta' Novembru, 2011, fuq gia` ndikati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata F.G.S. Construction Limited hi debitrici tar-rikorrenti Paul Noel Muscat, Kristian John Muscat u Trevor Muscat ilkoll ezercitanti n-negozju taht l-isem K.P.T. Trading fl-ammont

ta' tlieta u sittin elf, hames mija u erbgha u sittin Ewro, (€63,564.00), ghar-ragunijiet infraskritti;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq indikati;

3. Bl-ispejjez, anke tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' Marzu, 2011, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-16 ta' Novembru, 2011.

_____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------